FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

Min jircievi dan ir-rikors mahluf kontra tieghu ghandu jipprezenta r-risposta mahlufa tieghu fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirceviha. Jekk ma tigix ipprezentata r-risposta mahlufa bil-miktub kif trid il-ligi saz-zmien imsemmi, il-Qorti tghaddi biex taghti d-decizjoni skond il-ligi.

Ghalhekk huwa fl-interess ta' min jircievi dan ir-rikors mahluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'ghandu xi jghid fil-kawza.

N sive L u M konjugi C (XX u XX rispettivament)

*vs*

(1) MD (XX), (2) JA (XX) fil-kwalita tieghu ta' mandatarju ta' A mart EA u (3) X Developments Limited (CXXX)

**Rikors Guramentat ta' N sive L u M konjugi C (XX u XX rispettivament)**

Jesponu bir-rispett u jigi kkonfermat bil-gurament minn N sive LC:-

1. Illi permezz ta' att ta' konvenju ta' l-XX (Dok. A) il-konvenuti MD *proprio* u A *nomine* obbligaw rwiehhom li jbieghu lill-atturi n-nofs indiviz ta' l-ghalqa li qieghda fil-limiti ta' XX fil-kontrada ta' XX b'faccata fuq Triq XX tal-kejl superficjali komplessiv ta' cirka XX (X$m^2$) hekk kif delineata bl-ahmar fuq pjanta annessa ma' l-istess att ta' konvenju, konfinanti min-nofsinhar ma' l-imsemmija triq, mil-lvant ma' beni ta' XX u mill-punent ma' beni ta' XX, libera u franka, izda hekk kif imqabbla lil certu XX minn XX versu l-prezz ta' XX lira (LmX) li minnhom l-atturi hallsu XX lira (LmX) akkont tal-prezz globali u bil-pattijiet u kondizzjonjiet l-ohra msemmija fl-istess konvenju;

2. Illi dan il-konvenju gie debitament notifikat u thallset it-taxxa provizorja relattiva lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni hekk kif jirrizulta mid-dokument anness immarkat "Dok. B";

3. Illi l-kuntratt definittiv ta' komprovendita kellu jsir fi zmien sitt xhur mid-data ta' l-istess konvenju;

4. Illi minkejja li l-konvenuti MD u A kienu vinkolati bl-imsemmi konvenju, huma ttrattenew milli jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' l-att definittiv ta' komprovendita fir-rigward tal-beni mertu ta' l-istess konvenju. Ghalhekk l-esponenti ipprocedew billi interpellaw lill-konvenutti jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' l-

imsemmi att definittiv ta' komprovendita permezz ta' att gudizzjarju hekk kif trid il-ligi, liema att gudizzjarju u cjoe ittra ufficcjali giet debitament notifikata lill-konvenuti MD u A;

5. Illi fil-frattemp l-esponenti gew a konoxxenza tal-fatt illi l-konvenuti MD u A abbuzivament b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor XX XX tal-XX (X) ta' XX tas-sena XX, kopja ta' liema kuntratt qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. C", huma bieghu u ttrasferew lis-socjeta konvenuta, sehemhom mill-assi immobbli ta' l-eredita ta' XX XX li miet nhar il-XX (X) ta' XX tas-sena XX, liema assi immobli jikkomprendu l-art fuq deskritta li l-istess konvenuti MD u A kienu wieghdu li se jbieghuha lill-esponenti;

6. Illi dan il-kuntratt sar bi ksur tal-konvenju ma' l-esponenti, sar b'qerq, u sabiex l-konvenuti jevadu d-drittijiet ta' l-esponenti u dan peress li l-konvenuti kollha kienu konoxxenti tal-fatt illi kien hemm konvenju vinkolanti fir-rigward tal-beni fuq deskritti, hekk kif se jigi ppruvat ahjar fil-mori ta' dina l-kawza;

7. Illi ghalkemm il-konvenuti kienu msejjha bi protest gudizzjarju pprezentat f'din l-Onorabbli Qorti nhar it-XX ta' XX tas-sena XX sabiex jirrexxindu dan il-kuntratt ta' komprovendita li sar b'qerq, fil-waqt li l-konvenuti MD u A kienu msejjha sabiex jersqu ghal kuntratt ta' komprovendita ma' l-esponenti, skond it-termini tal-precitat konvenju, huma baqghu inadempjenti;

8. Illi sabiex tigi kawtelata l-pretensjoni taghhom l-esponenti talbu lill-din l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug ta' l-opportun Mandat ta' Inibizzjoni kontra s-socjeta konvenuta sabiex din tigi inibita milli tbiegh, tassenja jew tittrasferixxi taht kwalsiasi titolu, kemm oneruz kif ukoll gratuwitu, lil terzi, l-art fuq deskritta, liema Mandat inhareg nhar il-XX. Jinghad ukoll illi l-esponenti kienu precedentement talbu l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-konvenuti l-ohra MD u A sabiex dawn jigu inibiti milli jbieghu, jassenjaw jew jittrasferixxu taht kwalsiasi titolu, kemm oneruz kif ukoll gratuwitu, lil terzi, l-art fuq deskritta, liema Mandat inhareg nhar XX;

Illi r-raguni li fuqha hi msejjsa dina t-talba hi li l-konvenuti resqu ghal kuntratt ta' komprovendita bejniethom meta kien hemm konvenju vinkolanti bejn l-atturi u l-konvenuti MD u A dwar beni li gew trasferiti bl-istess kuntratt ta' komprovendita, liema kuntratt ta' komprovendita sar b'qerq u bl-intenzjoni li jigu evitati l-obbligi versu l-atturi, u li wkoll liema att ikkawza danni lill-istess atturi.

Ghaldaqstant, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarju u moghtija l-provvedimenti opportuni, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-bejgh li sar b'kuntratt tal-XX fl-Atti tan-Nutar Dottor XX XX mill-konvenuti MD *proprio* u A *nomine* lis-socjeta konvenuta XX Limited sar b'qerq, ghad-dannu ta' l-atturi;

2. Tordna r-rexissjoni ta' l-istess kuntratt tal-XX fl-Atti tan-Nutar Dottor XX XX;

3. Tikkundanna lill-konvenuti MD *proprio* u A *nomine* sabiex jersqu ghall-formazzjoni u pubblikazzjoni ta' kuntratt biex ibieghu lill-atturi il-proprjeta' deskritta fil-konvenju (Dok A) bil-prezz u bil-pattijiet u kondizzjonijiet kollha miftiehma fl-istess konvenju;

4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi u jippubblika l-kuntratti ta' rexissjoni u ta' komprovendita, u kuraturi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess kuntratti;

5. Tikkonferma ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-Mandati ta' Inibizzjoni mahruga minn din l-Onorabbli Qorti kontra l-konvenuti fuq talba ta' l-atturi;

6. Jekk dawn it-talbiet ghal xi raguni ma jistghux jintlaqghu, tillikwida d-danni, bl-opera *occorrendo* ta' periti nominandi, li sofrew l-atturi minhabba fin-nuqqas tal-konvenuti MD u A li jersqu ghall-kuntratt ta' bejgh u xiri skond il-konvenju; u

7. Tikkundanna lill-istess konvenuti MD u A jhallsu d-danni hekk likwidati;

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-XX, tal-protest gudizzjarju tat-XX, tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru XX/XXX fl-ismijiet "NC *et vs* MD *et noe*" u tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru XX/XXX fl-ismijiet "NC *et vs* XX Limited" kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

AVV. XX
*XX*

AVV. JOHN BONELLO

PL

| | | |
|---|---|---|
| Atturi: | XX | |
| Konvenuti: | (1) | XX |
| | (2) | XX |
| | (3) | XX |

N sive L u M konjugi C (XX u XX rispettivament) (XX u XX rispettivament)

*vs*

(1) MD (XX), (2) JA (XX) fil-kwalita tieghu ta' mandatarju ta' A mart EA u (3) X Developments Limited (C XX)

**Lista tax-Xhieda**

L-Atturi ghall-konferma tal-fatti dikjarati;

Il-Konvenuti MD, JA, A u rapprezentanti (azzjonisti u Diretturi) tas-socjeta XX Limited ghall-konferma tal-fatti dikjarati u ghas-subizzjoni;

Qraba ta' l-atturi;

In-Nutar Dottor XX XX sabiex jixhed dwar in-negozju li sar bejn l-atturi u l-konvenuti MD u A, diskussjonijiet ohra li saru ma' terzi dwar il-beni mertu ta' dina l-kawza, it-titolu u r-ricerki relattivi, sabiex jipprezenta dokumenti li ghandu f'idejh relatati mal-konvenju ta' l-atturi, kif ukoll persuni li jahdmu fl-ufficcju ta' l-istess Nutar;

In-Nutar Dottor XX XX sabiex jixhed dwar il-kuntratt li sar bejn il-konvenuti MD u A u s-socjeta konvenuta XX Limited, kif ukoll persuni li jahdmu fl-ufficcju ta' l-istess Nutar;

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jew rapprezentant tieghu sabiex jixhed dwar il-konvenji li gew registrati dwar il-beni mertu ta' dina l-kawza, il-permessi li nkisbu prevja l-pubblikazzjoni tal-kuntratt bejn il-konvenuti u affarijiet relatati ma' l-istess negozju;

Rapprezentanti ta' enti pubblici, inkluz ta' l-Awtorita ta' Malta dwar is-Servizzi Finanzjarji (MFSA) u ta' l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;

Persuni li wara li sar il-konvenju bejn l-atturi u l-konvenuti MD u A avvicinaw lill-istess atturi sabiex jiddifidawhom milli jkomplu bin-negozju jew sabiex ihegguhom jassenjaw il-jeddijiet taghhom lil terzi, jew li jissiehbu ma' terzi, liema persuni jinkludu lil XX XX maghruf bhala "XX" u lil XX XX;

Agenti immobiljari u Sensara sabiex jixhdu dwar l-art in kwistjoni, kif ukoll persuni li kienu ttiehdu jaraw din l-art;

Rapprezentanti tal-banek kummercjali;

Registratur tal-Qorti;

Direttur tar-Registru Pubbliku u Registratur ta' l-Artijiet.

AVV. XX
*XX*

AVV. JOHN BONELLO

PL

N sive L u M konjugi C (XX u XX rispettivament) (XX u XX rispettivament)

*vs*

(1) MD (XX), (2) JA (XX) fil-kwalita tieghu ta' mandatarju ta' A mart EA u (3) X Developments Limited (C XX)

**Lista ta' Dokumenti**

| | |
|---|---|
| Dok. A | Kopja Legali tal-Konvenju ta' XX rilaxxjata min-Nutar Dottor XX XX; |
| Dok. B | Ittra mid-Divizjoni tat-Taxxi Interni fejn jigi dikjarat illi l-Konvenju ta' l-XX gie debitament notifikat; |
| Dok. C | Kopja Legali tal-Kuntratt tal-XX mill-Atti tan-Nutar Dottor XX XX |

AVV. XX
*XX*

AVV. JOHN BONELLO

PL